# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1162/2016 MH**

**Illum, 27 ta' Mejju, 2022**

**Gove Properties Limited (C 39014)**

**vs**

**Mary Rose Camilleri (K.I. 401156M), Dolores sive Doreen Novak Camilleri (K.I. 709457M) u l-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u PL Veronica Rossignaud nominati b'digriet tat-30 ta' Diċembru 2016 sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Dominic Camilleri (K.I. 218659M) u Natalino Camilleri (K.I. 39361M) li jinsabu t-tnejn residenti l-Istati Uniti tal-Amerika u Dr Simon Micallef Stafrace li b'digriet tad-19 ta' Novembru 2021 issostiwtixxa lil Dr Noel Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tat-23 ta' Diċembru 2016** li permezz tiegħu talbu lill-Qorti tordna lill-intimati jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt ta' trasferiment sabiex jassenjaw u jitrasferixxu lill-istess attriċi d-dirett

dominju perpetwu u ċ-ċens annwu perpetwu u rivedibbli relattiv fuq il-korp ta' bini bla numru uffiċjali, magħruf bħala "Park Avenue", Triq il-Merluzz, Qawra bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet maqbula fil-konvenju tat-8 t'Awwissu 2016. Is-soċjeta' attriċi talbet lill-Qorti tiffissa wkoll data, ħin u lok filwaqt li taħtar Nutar għal dan il-għan flimkien ma' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw eventwali kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Mary Rose Camilleri, Dominic Camilleri u Natalino Camilleri tat-18 ta' Lulju 2017**[1] permezz ta' liema ddikjaraw li huma minn dejjem kienu lesti jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt iżda kienet biss il-konvenuta oħthom Dolores sive Doreen Novak Camilleri li rrifjutat li tersaq għall-kuntratt mingħajr raġuni valida. Peress li s-soċjeta' attriċi ma riditx takkwista l-kwota ta' tlett kwarti ndiviżi biss, l-att finali ma sarx iżda dan mingħajr ħtija tagħhom u għalhekk m'għandhomx jeħlu spejjeż tal-kawża.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Av Mark Refalo għan-nom u in rappreżentanza tal-konvenuta Dolores sive Doreen Novak Camilleri tad-9 t'Awwissu 2017**[2] permezz ta' liema hija ma kkontestatx il-fatti kif dikjarati mis-soċjeta' attriċi pero' riedet li jiġi kkjarifikat li l-appuntament li ngħata sabiex isir l-att finali kien f'ġurnata meta hija kienet imsiefra ma kinitx f'pożizzjoni li tiġi Malta. Għalkemm hija talbet għal appuntament ieħor in-Nutar m'għamilx dan. Anke wara li skada l-konvenju hija baqgħet taċċetta li għandu jsir l-att finali tant li baqgħet issus wara n-Nutar għal appuntament għall-iffirmar tal-kuntratt. Għalhekk filwaqt li hija qablet u aċċettat li l-kuntratt finali għandu jsir, insistiet li m'għandhiex teħel spejjeż tal-kawża peress li hija kienet dejjem disposta li jsir il-kuntratt finali.

[1] Fol 15 et seq
[2] Fol 19

Rat in-Nota tas-soċjeta' attriċi tat-23 ta' Frar 2018[3] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi ċediet it-talbiet fil-mertu stante li fil-mori tal-kawża ġie ffirmat il-kuntratt relattiv fit-8 ta' Frar 2018 iżda żammet ferm il-kap tal-ispejjeż.

Rat il-provi tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi mressqa jirriżulta li l-konvenju ffirmat bejn il-partijiet kien ser jiskadi fit-8 ta' Diċembru 2016[4].

Il-punti saljenti li jirriżultaw mill-atti huma li -

i. Minn ġranet qabel l-iskadenza bdiet tintbagħat korrispondenza elettronika, kemm minn Leo Gove għan-nom tas-soċjeta' attriċi[5] u anke minn wieħed mill-konvenuti Dominic Camilleri[6] sabiex tiġi ffissata data għall-iffirmar tal-kuntratt;

ii. Fis-6 ta' Diċembru 2016[7] in-Nutar bagħat jistaqsi lill-konvenuta Doreen Novak Camilleri jekk kinitx ser tinżel Malta personalment biex tiffirma l-kuntratt jew

[3] Fol 26
[4] Fol 8
[5] Fol 138
[6] Fol 139
[7] Fol 145

kinitx ser tagħti prokura lil xi ħadd. Hija wieġbet li kienet ser tirrappreżenta lilha nfisha u li ma setgħetx tkun Malta sal-iskadenza tal-konvenju u talbet estensjoni[8]. Huwa minnu li n-nutar ikkonċeda li setgħet tingħata estensjoni imma rrakkomanda li l-kuntratt kellu jsir qabel il-festi għax altrimenti kien ser ikollu jsir lejn l-aħħar ta' Jannar 2017 minħabba safar personali[9];

iii. Il-partjiet l-oħra qablu li l-iffirmar tal-kuntratt seta' jsir fit-19 ta' Diċembru 2016 u b'email datata 12 ta' Diċembru 2016[10] Natalino Camilleri kiteb lill-oħtu l-konvenuta Doreen Novak Camilleri sabiex tinfurmahom jekk f'dik id-data kinitx beħsiebha tinżel Malta u tiffirma l-kuntratt personalment, jew tagħtix prokura lil xi ħadd jew tiddeċiedi li ma tiffirmax il-kuntratt finali mas-soċjeta' attriċi;

iv. Għall-email tat-12 ta' Diċembru 2016 Doreen wieġbet biss *"Unfortutately I am not able to make the date[11]"*. Għal dik l-email, Leo Gove wieġeb *"Ok we meet in Court[12]"*;

v. Mill-provi kompla jirriżulta pero' li bejn l-aħwa kienu għaddejjin xi diżgwidi familjari li, evidentement il-konvenuta Novak Camilleri bdiet tinqeda bihom u ttawwal l-iffirmar tal-kuntratt mas-soċjeta' attriċi sabex tkun tista' tottjeni dak li hija kienet qed titlob mingħand ħutha;

vi. F'Jannar 2017 hija kitbet hekk lil ħutha[13] -

[8] Fol 145
[9] Fol 149
[10] Fol 162
[11] Fol 175
[12] Fol 175
[13] Fol 259

*"You guys had one whole year to resolve aunt's issues and you were obstinate for some unknown reason and you still are accusing me of ulterior motives.*

*I have bought more time for finalizing the contract with Gove et al but you have not budged.*

*(.......)*

*You want my compliance then provide what is necessary to mend the issues and not make them worse.*[14]*"*

vii. Dawn il-kwistjonijiet pero' kienu kollha estranei għas-soċjeta' attriċi u ma kellhom qatt jintużaw bħala lixka biex l-istess konvenuta Novak Camilleri taċċetta li tiffirma l-kuntratt finali;

viii. Ħutha stess bdew jgħidulha biex tonora l-obbligi li assumiet bl-iffirmar tal-konvenju u tersaq għall-iffirmar tal-kuntratt mingħajr ma ddaħħal fin-nofs kwistjonijiet personali u familjari[15];

ix. Meta f'Awwissu 2017 hija kkomunikat man-nutar biex tistaqsi meta seta' jsir l-iffirmar tal-kuntratt, huwa wieġeb li ma kellux il-kompetenza li jiffissa data peress li fil-frattemp kienu ġew intavolati l-proċeduri odjerni[16];

x. Għalkemm jidher ukoll li s-soċjeta' attriċi kienet għaddejja b'xi negozjati mal-Bank dwar self ta' flus, din ma kinitx ostaklu għall-iffirmar tal-kuntratt għax kif

[14] Sottolinear tal-Qorti
[15] Email a fol 259 ta' Dominic Camilleri;
[16] Fol 262

ikkonferma n-Nutar Jean Paul Farrugia, s-soċjeta' attriċi kienet lesta li xorta tiffirma l-kuntratt mingħajr ma tieħu l-loan mill-Bank[17];

xi. Saru xi trattativi dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża iżda ma ntlaħaqx ftehim;

xii. Effettivament fil-kuntratt tat-8 ta' Frar 2018 il-konvenuta Doreen Novak Camilleri ma dehritx personalment għall-iffirmar tal-kuntratt iżda tat prokura lill-avukat tagħha li deher għan-nom tagħha.

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma illi kienet l-instransiġenza tal-konvenuta Doreen Novak Camilleri li wasslet sabiex il-kuntratt finali ma ġiex iffirmat f'Diċembru 2016 (u kwindi qabel ma nfetħet il-kawża). Dan għax minflok ma rat kif għamlet u jew ġiet personalment jew tat prokura lil xi ħadd, kif spiċċat għamlet, hija għażlet minflok li tuża l-iffirmar tal-kuntratt bħala arma kontra ħutha biex tindirizza kwistjonijiet familjari li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dan in-negozju.

Għalhekk għandha tkun din il-konvenuta li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi li l-konvenuta Dolores sive Doreen Novak Camilleri għandha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

---

[17] Fol 58

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**